V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8770 — Prysmian/General Cable)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 120/09)

1. Fit-28 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]), fejn Prysmian S.p.A. ("Prysmian", l-Italja) tikseb il-kontroll ta' General Cable Corporation ("General Cable", l-Istati Uniti tal-Amerka), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. Kemm Prysmian u General Active huma attivi fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' kejbils u sistemi tal-kejbils, l-aktar fis-setturi tal-kejbils tal-enerġija u tal-kejbils tat-telekomunikazzjoni.

3. B'eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-tranżazzjoni notifikata għandha taqa' fi ħdan l-iskop tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali f'dan il-punt hi riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi partijiet biex jissottomettu l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet għandhom jaslu l-Kummissjoni mhux iktar tard minn 10 ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tkun dejjem speċifikata:

M.8770 — Prysmian/General Cable

L-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, b'faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").